



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.4.2017  
COM(2017) 149 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**L-Implementazzjoni tat-tielet Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa fl-  
2014**

{SWD(2017) 119 final}

## Werrej

Introduzzjoni .....	2
Azzjoni tas-sena — l-enfasi tematika tal-2014: il-mard kroniku .....	5
1.1 Il-Proġett PATHWAYS — Parteċipazzjoni f' postijiet tax-xogħol sani u strateġiji inklużivi fis-settur tax-xogħol .....	5
Inizjattivi li jikkontribwixxu b' mod dirett biex ikun implimentat id-dritt tal-UE .....	6
1.2 Talba għas-servizz— implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali .....	6
Implimentazzjoni tal-baġit .....	7
1.3 Il-baġit .....	7
1.4 Il-prijoritajiet għall-2014 u l-mekkaniżmi ta' finanzjament .....	8
1.5 L-implimentazzjoni tal-baġit operazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament... ..	9
1.6 Il-ftehimiet tal-għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali .....	13
1.7 Akkwisti (kuntratti ta' servizz) .....	14
1.8 Azzjonijiet oħra .....	15
1.9 Konsum tal-baġit fl-2014 .....	15
1.10 It-tip ta' benefiċarji .....	16
Konklużjoni .....	17

## INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa fl-2014. Din kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014<sup>1</sup>. Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2014 għal Programm li jdum seba' snin sal-31 ta' Diċembru 2020. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Kumitat tal-Programm tas-Saħħa dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-Programm, u għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jissodisfa dak ir-rekwiżit. Jipprovi informazzjoni dettaljata dwar il-bagıt tal-2014 u kif intefaq.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż fl-Anness 1 jippreżenta għadd ta' eżempji ta' azzjonijiet pluriennali ewlenin li kienu kofinanzjati mit-Tieni Programm tas-Saħħa<sup>2</sup> li r-riżultati finali tagħhom saru disponibbli fl-2014. Dan jiddeskrivi wkoll eżempji ta' azzjoni ffinanzjata skont il-programm ta' ħidma tal-2014 f'oqsma anċillari bħall-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni. Fl-Annessi 2-10 hemm it-tabelli deskrittivi li jagħtu d-dettalji tal-attivitatiet kollha kofinanzjati u l-kuntratti pprovduti.

It-Tielet Programm tas-Saħħa għandu bagıt totali ta' EUR 449 400 000. Għandu erba' objettivi speċifiki:

1. il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw **stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa** filwaqt li jtiqies il-prinċipju tas-“saħħa fil-politiki kollha”;
2. il-protezzjoni taç-çittadini tal-Unjoni minn **theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali**
3. il-kontribuzzjoni għal **sistemi tas-saħħa** innovattivi effiçjenti u sostenibbli;
4. il-façilitazzjoni tal-açcess għall-**kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura** ghaç-çittadini tal-Unjoni.

Il-Programm jiddefinixxi l-indikaturi tal-progress għal kull objettiv. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-Programm jista' jiġi implimentat permezz ta' firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament. Dawn huma:

- azzjonijiet kofinanzjati mal-awtoritajiet tal-Istati Membri (“azzjonijiet konġunti”);
- proġetti u għotjiet operattivi biex b'mod speċifiku jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet u n-netwerks mhux governattivi;
- ftehimiet diretti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, akkwist pubbliku; kif ukoll
- azzjonijiet oħra.

F'konformità mal-pjan pluriennali mfassal fl-2013, il-programm ta' ħidma annwali tal-2014 iffoka fuq il-mard kroniku. Għalhekk, fl-2014 ġew kofinanzjati diversi azzjonijiet biex jiġi indirizzat il-mard kroniku; waħda minnhom tingħata enfasi f'dan ir-rapport. Il-Programm jikkofinanzja wkoll inizjattivi li jgħinu biex jiġi implimentat id-dritt tal-UE. Dan ir-rapport jagħti żewġ eżempji ta' kif fl-2014 il-Programm irnexxa f'dan il-qasam.

---

<sup>1</sup> ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.

**Ħarsa 'l quddiem ...**

Bis-saħħa tal-kofinanzjament tal-Programm, fl-ewwel sena tat-Tielet Programm tas-Saħħa ġew appoġġati u tnedew għadd ta' inizjattivi importanti, fosthom tmien azzjonijiet konġunti. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni *ex post* tat-Tieni Programm tas-Saħħa, il-Kummissjoni tiżgura li l-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa tkun monitorjata mill-qrib u li r-risultati jiġu ppubbliċizzati b'mod usa'. Il-Kummissjoni tkompli wkoll tinkoraġġixxi u thegħeġ il-parteċipazzjoni ta' kull Stat Membru u pajjiż li jipparteċipaw fil-Programm u tfittex sinerġiji ma' programmi ta' finanzjament oħrajn tal-UE.

## **AZZJONI TAS-SENA — L-ENFASI TEMATIKA TAL-2014: IL-MARD KRONIKU**

Is-suġġett tas-saħħa ta' prijorità għall-programm ta' ħidma annwali tal-2014 kien il-mard kroniku. B'mod ġenerali, ġew immedija tliet sejħiet għal proposti għal proġetti dwar aspetti differenti tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard kroniku, li rriżultaw f'ħames proġetti kofinanzjati. Ġew konklużi azzjoni konġunta dwar in-nutrizzjoni u l-attività fiżika u oħra dwar id-demenzja, kif ukoll sitt proġetti fil-qasam tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu. Il-proġett PATHWAYS deskritt hawn taħt huwa eżempju tajjeb. Dan jindirizza l-kwistjoni importanti tal-parteciġazzjoni tal-pazjenti b'mard kroniku fil-forza tax-xogħol. Dan huwa konformi bis-siħ mal-aġenda tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi u t-tkabbir.

### **1.1 Il-Proġett PATHWAYS — Parteciġazzjoni f'postijiet tax-xogħol sani u strateġiji inklużivi fis-settur tax-xogħol**

#### *1.1.1 Sfond*

Il-Proġett PATHWAYS — Parteciġazzjoni f'postijiet tax-xogħol sani u strateġiji inklużivi fis-settur tax-xogħol kien wieħed mill-proġetti kofinanzjati fl-2014 bħala parti mill-enfasi dik is-sena fuq il-mard kroniku. PATHWAYS beda fis-sajf tal-2015, se jdum 36 xahar u se jirċievi kofinanzjament sa massimu ta' EUR 969 379.00. Jinvolvi 12-il sieħeb minn 10 pajjiżi Ewropej differenti (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja u Spanja) li lkoll għandhom għarfien espert vast fil-qasam tal-kundizzjonijiet kroniċi u mentali u l-impjiegi.

#### *1.1.2 Deskrizzjoni qasira*

Ta' spiss, persuni b'mard kroniku u disturbi mentali jesperjenzaw problemi relatati max-xogħol, bħall-qgħad, l-assenteiżmu, produttività mnaqqsa u l-istigmatizzazzjoni fil-post tax-xogħol. Minħabba l-prevalenza li qed tiżdied tal-mard kroniku u tad-disturbi mentali fil-konfront tal-awsterità tal-baġit jenħtieġu strateġiji innovattivi li jgħinu lil dawn in-nies jipparteciġaw fis-suq tax-xogħol.

Madankollu, għandhom nuqqas ta' għarfien dwar l-istrateġiji disponibbli u dwar jekk humiex effettivi. Irridu niċċaraw ukoll il-ħtiġijiet relatati mal-impjieg tal-persuni b'mard kroniku u disturbi mentali. Għaldaqstant, PATHWAYS se jirrispondi billi jidentifika l-istrateġiji ta' integrazzjoni u ta' riintegrazzjoni li huma disponibbli fl-Ewropa u lil hinn minnha u se jiddetermina l-effettività tagħhom. Se jivvaluta wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-impjieg tal-persuni b'mard kroniku u disturbi mentali. Fl-aħħar nett, se jiżviluppa linji gwida biex jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji tal-integrazzjoni u tar-riintegrazzjoni professjonali. Fost il-metodi użati se jsiru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

#### *1.1.3 Riżultati mistennija*

PATHWAYS se jipprovdi għadd ta' rapporti, fosthom:

- wieħed li jqabbal l-istrateġiji disponibbli bbażati fuq ħames kategoriji ta' mudelli tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa; kif ukoll
- wieħed dwar il-ħtiġijiet tal-impjiegi mhux milħuqa tal-persuni b'mard kroniku, inkluż rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati.

L-evidenza disponibbli dwar l-effikaċja tal-istrategġi eżistenti tal-integrazzjoni u ta' riintegrazzjoni fix-xogħol għall-persuni b'kundizzjonijiet kroniċi se tinġabar f'bażi tad-dejta u se tiġi deskritta f' dokument ta' deskrizzjoni.

Fl-aħħar nett, PATHWAYS se jikkonkludi b'rakkomandazzjonijiet tal-politika biex jiġu implimentati strategġi inklużivi li jwasslu lejn suq tax-xogħol aktar inklużiv li fih il-persuni b'mard kroniku u disturbi mentali jistgħu jipparteċipaw b'mod siewi.

## **INIZJATTIVI LI JIKKONTRIBWIXXU B'MOD DIRETT BIEX IKUN IMPLIMENTAT ID-DRITT TAL-UE**

Il-Programm tas-Saħħa jiffinanzja s-servizzi pprovduti minn kuntratturi esterni li jgħinu lill-Kummissjoni timplimenta deċiżjonijiet u direttivi fil-qasam tas-saħħa. Hawn taħt issib eżempju wieħed ta' servizz bħal dawn li twettqu fl-2014.

### **1.2 Talba għas-servizz— implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali**

#### *1.2.1 Deskrizzjoni introduttiva*

F'dan l-istudju ġew ikkunsidrati l-effetti tad-Direttiva 2011/24/UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali<sup>3</sup>. L-oġġettiv ġenerali tiegħu kien li jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tad-Direttiva, kif meħtieġ skont l-Artikolu 20(1), u li jidentifika n-nuqqasijiet u l-potenzjal għal titjib. L-istudju jibbaża fuq is-sitwazzjoni fuq il-post u sorsi esterni ta' valur oħrajn. Dawn is-servizzi kienu pprovduti permezz ta' kuntratt ta' servizz ma' KPMG Advisory N.V., Technopolis Group and Empirica GmbH, skont il-kuntratt qafas SANCO/2012/02/011 — Lott 1. Il-kuntratt dam mill-21 ta' Lulju 2014 sal-21 ta' Marzu 2015 u kien jiswa EUR 179 026.

#### *1.2.2 Deskrizzjoni qasira*

Barra mir-riċerka bbażata fuq id-dokumenti u analiżi tal-letteratura disponibbli, intużaw ukoll eżami tas-sit web u metodi ta' riċerka parteċipattiva li jintużaw ħafna. Bi tkompliġa ta' xogħol li kien sar f'riċerki preċedenti, twettqet analiżi tas-siti web kollha tat-32 Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-kura tas-saħħa transkonfinali (PKN) (32 pajjiż jew territorju, bħalma huma l-Iskozja, Wales, l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq u Ġibiltà li ġew inklużi separatament għar-Renju Unit).

Intuża l-metodu ta' riċerka "pseudopazjent" biex tkun tista' titqies tajjeb il-perspettiva tal-utent aħħari. L-evalwaturi kkuttattjaw il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' 12-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, Malta, in-

---

<sup>3</sup> ĠU L 88, 4.4.2011, p.45

Netherlands, is-Slovenja, Spanja, u l-Iżvezja) kemm bil-posta elettronika kif ukoll bit-telefown u ġew proposti tliet xenarji differenti ppjanati minn qabel.

Inġabret ukoll dejta suġġettiva u bbażata fuq l-opinjoni kemm f'dawn il-"pajjiżi fokus" kif ukoll fil-livell Ewropew, permezz ta' 59 intervista ma' partijiet ikkonċernati u sħarriġ minn fuq l-internet li ġew indirizzati lit-12-il PKN fil-pajjiżi fokus. Madwar 50% tal-partijiet ikkonċernati aċċettaw l-intervisti waqt il-perjodu ta' erba' ġimgħat. Dawn kienu jirrappreżentaw firxa ta' fornituri tal-assigurazzjoni fuq is-saħħa, fornituri tal-kura tas-saħħa, ombudsmen tal-pazjenti, awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, għaqdiet tal-pazjenti, korpi tal-awditjar, trejn unjins u organizzazzjonijiet li jippreskrivu l-kura tas-saħħa primarja. Il-PKN kollha wieġbu għal mill-inqas parti mill-istħarriġ online. Analiżi tal-Punti Qawwija, Punti Dgħajfa, Opportunitajiet, Theddidiet (SWOT) li ffukat fuq is-servizzi pprovduti lill-pazjenti tikkomplementa l-konklużjonijiet ta' dan l-istudju.

### *1.3.3 Riżultati speċifiċi*

Dan l-istudju huwa parti mill-ħidma li għaddejja biex jinbena xenarju bażi bħala punt tat-tluq għall-kejl u għall-valutazzjoni tal-kura tas-saħħa transkonfinali fl-Unjoni. Fost is-sejbiet ġenerali, il-partijiet ikkonċernati involuti kollha kkonfermaw li l-għadd ta' pazjenti li għamlu użu tal-kura tas-saħħa transkonfinali skont din id-Direttiva huwa baxx.

Dan l-istudju jagħti kontribut siewi minkejja li kwalitattiv lill-valutazzjoni bażika u għall-isforzi futuri tal-evalwazzjoni, f'konformità mal-prinċipju "l-ewwel evalwa". Is-sejbiet tal-istudju kienu ppublikati f'Mejju 2015 fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea u ġew ippreżentati waqt laqgħa tal-PNK organizzata mill-Kummissjoni Ewropea fit-2 ta' Diċembru 2015, fejn intlaqgħu b'interess kbir. It-tama hija li l-modi metodoloġiċi tal-istudju se jkomplu jiġu esplorati mill-partijiet ikkonċernati interessati u mill-komunità usa' tar-riċerka.

Madankollu, l-istudju mhuwiex evalwazzjoni formali. Ma kienx maħsub biex iqis l-ilmenti, il-każijiet ta' ksur u l-miżuri ta' traspożizzjoni. Minħabba li d-Direttiva m'ilhiex li ġiet adottata, u għalhekk ma tantx kien hemm dejta dwar il-mobbiltà tal-pazjenti, evalwazzjoni formali tad-Direttiva kienet tkun prematura.

## **IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT**

### **1.3 Il-baġit**

Il-baġit għat-Tielet Programm tas-Saħħa 2014-2020 huwa ta' EUR 449.4 miljun. Dan jinkludi EUR 33.48 miljun għall-funzjonament tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea) li ntabbet mill-Kummissjoni sabiex tammaniġġa l-Programm tas-Saħħa 2014-2020. Chafea ilha mill-2005 tippovdi lill-Kummissjoni b'għajjnuna teknika, xjentifika u amministrattiva fl-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa.<sup>4</sup> Din torganizza

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73) emendata bid-Deċiżjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27).

sejħiet annwali għal proposti, tikkoordina l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet, u tinnegozja, tiffirma u tmexxi l-ftehimiet ta' għotja relatati. Hija responsabbli wkoll għal bosta proċeduri ta' akkwist.

Il-baġit stabbilit fil-pjan ta' ħidma għall-2014<sup>5</sup> kien ta' EUR EUR 58 579 000, u tqassam kif ġej:

- nefqa operazzjonali: EUR 52 870 000, ammont li jikkorrispondi għal-linja tal-baġit 17 03 01 *L-inkoraġġiment tal-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u ż-żieda tas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-protezzjoni tagħhom minn theddidiet transkonfinali fuq is-saħħa*;
- nefqa amministrattiva: EUR 1 500 000 — ammont li jikkorrispondi għal-linja tal-baġit 17 01 04 02 —nefqa ta' sostenn għall-programm Saħħa għat-Tkabbir<sup>6</sup>.

It-total tal-baġit operazzjonali— inkluż barra minn hekk krediti taż-ŻEE-EFTA u krediti rkuprati minn snin baġitarji preċedenti - kien EUR 54 856 308.05 u t-total tal-baġit amministrattiv kien EUR 1 547 747.69.

Fl-2014, is-Chafea mmaniġġat EUR 44 541 244.83 minn dan il-baġit, filwaqt li l-Kummissjoni mmaniġġat l-ammont ta' EUR 9 409 832.88 li jkopri l-akkwist, l-għotjiet diretti u miżuri oħra.

#### **1.4 Il-prijoritajiet għall-2014 u l-mekkaniżmi ta' finanzjament**

Il-prijoritajiet għall-2014 kienu stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2014) 3383 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2014 u l-kriterji relatati.<sup>7</sup>

Intużaw diversi mekkaniżmi ta' finanzjament biex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma għall-2014. Dawn qed jiġu deskritti fid-dettall hawn taħt.

Intużaw proċeduri kompetittivi għall-għażla u l-għoti biex jintgħażlu l-inizjattivi għall-finanzjament. Ma jintużawx proċeduri kompetittivi għall-għażla u l-għoti għall-azzjonijiet konġunti, għall-ftehimiet tal-għotjiet diretti u għall-konferenzi organizzati mill-presidenzi tal-Kunsill billi f'dawk il-każijiet il-proċeduri kompetittivi mhumiex permessi skont ir-regoli speċifiċi jew mhumiex użati fil-prattika, pereżempju minħabba sitwazzjoni ta' monopolju.

---

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3383 tas-26.5.2014, [http://ec.europa.eu/health/programme/events/adoption\\_workplan\\_2014\\_en.htm](http://ec.europa.eu/health/programme/events/adoption_workplan_2014_en.htm).

<sup>6</sup> L-isem li oriġinarjament kien propost għat-Tielet Programm tas-Saħħa kien il-Programm Saħħa għat-Tkabbir: għalhekk, l-isem tal-linja tal-baġit. Billi dan l-isem ma nżammx, il-linja tal-baġit ingħatat isem mill-ġdid għall-programm ta' ħidma 2016.

<sup>7</sup> [http://ec.europa.eu/health/programme/events/adoption\\_workplan\\_2014\\_en.htm](http://ec.europa.eu/health/programme/events/adoption_workplan_2014_en.htm).



Il-krediti amministrattivi koprew in-nefqa bħall-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-informazzjoni u l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni, u l-assistenza teknika u amministrattiva għas-sistemi tal-IT.

### 1.5 L-implimentazzjoni tal-baġit operazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament

Tip ta' mekkaniżmu ta' finanzjament	Implimentazzjoni (EUR)	Sehem tal-mekkaniżmu fit-total tal-baġit eżegwit
<b>Sejħiet għal proposti</b>	<b>17 393 292.88</b>	<b>31.7 %</b>
Għotjiet għall-proġetti	12 677 193.08	23.1 %
Għotjiet operattivi	4 716 099.80	8.5 %
<b>Għotjiet għal azzjonijiet konġunti</b>	<b>18 506 972.39</b>	<b>33.7 %</b>
<b>Għotjiet għall-konferenzi lill-Istati Membri li jkollhom il-presidenza tal-UE</b>	<b>157 901.00</b>	<b>0.2 %</b>
<b>Ftehimiet dwar għotjiet diretti</b>	<b>3 849 825.96</b>	<b>7 %</b>
<i>Immaniġġjati mis-CHAFEA</i>	<b>2 700 000.00</b>	
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	<b>1 149 825.96</b>	
<b>Akkwist (kuntratti ta' servizz)</b>	<b>12 769 292.44</b>	<b>23.3 %</b>
<i>Immaniġġjati mis-CHAFEA</i>	5 283 078.56	9.7 %
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	7 486 213.88	13.6 %
<b>Azzjonijiet oħra</b>	<b>1 273 793.04</b>	<b>2.3 %</b>
<i>Immaniġġjati mis-CHAFEA</i>	500 000.00	
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	773 793.04	
<b>Baġit użat fl-2014</b>	<b>53 951 077.71</b>	
<b>Buġit totali disponibbli</b>	<b>54 856 307.05</b>	
<b>Krediti mhux użati<sup>8</sup></b>		
<i>mis-CHAFEA</i>	711 310.68	

<sup>8</sup> Għadhom ma ntużawx il-krediti ta' qabel l-adeżjoni, id-differenza bejn l-ammonti fid-deċiżjoni tal-għotja u l-ammonti effettivament ikkuntrattati.

<i>mid-DĠ SANTE</i>	193 918.66	
<b>Baġit użat</b>	<b>98.3 %</b>	

Bħala paragun, it-tabella ta' hawn taħt turi l-perċentwali tal-baġit disponibbli użat għal kull mekkaniżmu finanzjarju fuq medja fit-Tieni Programm tas-Saħħa u fl-2014. Filwaqt li fl-2014 intuża proporzjon iżgħar għall-proġetti, intefaqq ammont ikbar fuq l-azzjonijiet konġunti. Il-perċentwali huma simili għal għodod finanzjarji oħra.

<b>Tip ta' mekkaniżmu ta' finanzjament</b>	<b>Sehem tal-mekkaniżmu tal-baġit tal-fit-total eżegwit fl-2014</b>	<b>Sehem tal-mekkaniżmu tal-baġit tal-fit-total Tieni Programm tas-Saħħa</b>
Għotjiet għall-proġetti	23.1 %	36 %
Għotjiet operattivi	8.5 %	7 %
Għotjiet għal azzjonijiet konġunti	33.7 %	22 %
Ftehimiet dwar għotjiet diretti	4.9 %	7 %
Akkwist (kuntratti ta' servizz)	23.0 %	25 %
Azzjonijiet oħra	2.3 %	4 %

### Sejħiet għal proposti

Sejħiet għal proposti — għal proġetti u azzjonijiet tal-għotjiet operattivi — ġew immedija fis-6 ta' Ġunju 2014 fuq il-Portal tal-Parteċipanti tal-Programm Orizzont 2020,<sup>9</sup> is-sit web dwar is-saħħa pubblika tal-EUROPA<sup>10</sup> u s-sit web tas-Chafea<sup>11</sup>. Il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet waslu mingħand is-sħab ewlenin tal-Istati Membri tal-UE-15, li kienu jgħoddu għal 86 % tal-applikazzjonijiet għall-proġetti, 100 % tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi, 100 % tal-applikazzjonijiet għall-azzjoni konġunta. 41 % tas-sħab kollha fl-azzjonijiet konġunti huma mill-pajjiżi tal-UE-13, l-istess bħalma huma 16 % tas-sħab tal-proġetti.

F'Ottubru tal-2014, is-Chafea organizzat sessjoni ta' ħidma dwar azzjoni konġunta u fi Frar tal-2015 organizzat sessjoni ta' ħidma dwar il-garanzija tal-kwalità tal-azzjoni konġunta. Il-

<sup>9</sup>

<http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/opportunities/3hp/index.html#c,calls=hasForthcomingTopics/t/true/0/1/0&hasOpenTopics/t/true/0/1/0&allClosedTopics/t/true/1/1/0&+PublicationDate/desc>

<sup>10</sup> [http://ec.europa.eu/health/home\\_mt](http://ec.europa.eu/health/home_mt).

<sup>11</sup> <http://ec.europa.eu/chafea/health/index.html>.

Punti Fokali Nazzjonali għall-Programm tas-Saħħa organizzaw ukoll jiem ta' tagħrif nazzjonali fil-BG, HR, CZ, EL, HU, IE, IT, LT, NL, NO, PL, PT, RO, SK, ES u UK. Fuq il-Portal tal-Parteċipanti tpoġġew għad-disponibbiltà l-linji gwida għall-applikanti. Il-helpdesk tas-Chafea pprovdiet ukoll assistenza u għajjuna Prattika.

B'kollox, ġew riċevuti 50 proposta għal proġetti u 40 proposta għal għotjiet operattivi għal total li jammonta għal EUR 42 887 771. L-applikazzjonijiet ġew evalwati skont ir-regoli u l-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2014) 3383 u fis-sejthiet għall-proposti. 37 espert estern minn 18-il pajjiż ħadu sehem fil-proċess tal-evalwazzjoni. L-esperti ntgħażlu minn lista stabbilita wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess bl-isem "sejħa għal espressjoni ta' interess fil-qasam tas-saħħa pubblika".<sup>12</sup>.

Il-proċess tal-evalwazzjoni sar f'żewġ stadji.

**Fl-ewwel stadju**, tliet evalwaturi esterni eżaminaw kull proposta. Waqt laqgħa organizzata mis-Chafea tfassal rapport tal-evalwazzjoni kkonsolidat għal kull proposta.

**Fit-tieni stadju**, il-kumitat tal-evalwazzjoni vverifika li l-evalwaturi kienu konformi mar-regoli u l-kriterji rilevanti. Imbgħad l-istess kumitat ħejja listi finali tal-proposti rakkomandati għall-fondi, flimkien mal-listi ta' riżerva. Il-kumitat tal-evalwazzjoni kien magħmul minn rappreżentanti tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (id-DĠ SANTE), tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tas-Chafea. Id-deċiżjoni tal-għoti għall-proġetti<sup>13</sup> u għall-għotjiet operattivi<sup>14</sup> ittieħdet mis-Chafea.

#### *1.5.1 Għotjiet għall-proġetti*

L-għotjiet għall-proġetti ngħataw lil azzjonijiet li jinvolvu diversi sħab, normalment tal-korpi tas-saħħa pubblika u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Il-kontribuzzjoni massima tal-UE hija ta' 60 % tal-kostijiet eliġibbli. Madankollu, din tista' tiżdied sa 80 % jekk proposta tilħaq il-kriterji għal utilità eċċezzjonali. Fl-2014, żewġ proġetti kkwalifikaw għal utilità eċċezzjonali.

B'kollox intbagħtu 50 proposta b'risposta għas-sejħa għall-proposti għall-proġetti. Sitt proposti ġew esklużi fil-fażi tal-iskrinjar. Mill-44 proposta li kien jifdal 12-il waħda ġew rakkomandati għall-finanzjament u erbgħa tqiegħdu fuq lista ta' riżerva. Fl-aħħar mill-aħħar ġew ifffinanzjati 13-il proġett għal total ta' EUR 11 567 617. Id-disseminazzjoni tagħhom fost l-oġettivi tal-programm kienet kif ġej:

1. il-promozzjoni tas-saħħa: EUR 3 535 947 (5 proġetti);
2. it-theddid għas-saħħa: l-ebda proġett ifffinanzjat;

<sup>12</sup> ĠU S 040-065407, 26.2. 2014 u <http://ec.europa.eu/chafea/ami/>.

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/list-projects-2014\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/list-projects-2014_en.pdf).

<sup>14</sup> [http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/award-fpa-agreements-2014\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/award-fpa-agreements-2014_en.pdf) and [http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/specific-grant-agreements-2014\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/specific-grant-agreements-2014_en.pdf).

3. is-sistemi tas-saħħa: EUR 8 031 670 (7 proġetti);
4. kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura: l-ebda proġett iffinanzjat.

Fl-anness hemm lista tal-proġetti kollha ffinanzjati.

### *1.5.2 Għotjiet operattivi*

L-għotjiet operattivi ngħataw lil organizzazzjonijiet jew netwerks mingħajr skop ta' qligħ li huma:

- mhux governattivi;
- mingħajr skop ta' qligħ u indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew interessi konflittwali oħra;
- jaħdmu fil-qasam tas-saħħa pubblika;
- jaqdu rwol effettiv fil-proċessi ta' djalogu ċivili fil-livell tal-Unjoni;
- isegwu tal-inqas wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-Programm;
- attivi fil-livell tal-Unjoni u tal-inqas f'nofs l-Istati Membri; kif ukoll
- għandhom kopertura ġeografika bilanċjata tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni massima tal-UE hija ta' 60 % tal-kostijiet operattivi annwali. Madankollu, din tista' tiżdied sa 80 % jekk proposta tilħaq il-kriterji għal utilità eċċezzjonali.. Fl-2014, erba' għotjiet operattivi biss ikkwalfikaw għal utilità eċċezzjonali.

Hekk kif beda t-Tielet Programm tas-Saħħa, is-Chafea introduċiet is-sejħa għall-istrument pluriennali tas-“sħubija qafas”. Id-detenturi ta' ftehimiet ta' tliet snin għal sħubija qafas jistgħu mbagħad japplikaw għal kofinanzjament annwali. Intbagħat total ta' 40 proposta b'risposta għas-sejħa għall-proposti għall-għotjiet operattivi. Minn dawn, 14 ingħataw ftehim ta' sħubija qafas (35 % tal-proposti riċevuti). Fl-2015, dawn kollha rċevew għotja operattiva annwali. It-total kofinanzjat kien ta' EUR 4 716 099.80

Fl-anness hemm lista tal-għotjiet operattivi kollha ffinanzjati.

### *1.5.3 Azzjonijiet konġunti*

Għotjiet għal azzjonijiet konġunti ngħataw lil awtoritajiet kompetenti jew korpi tas-settur pubbliku u korpi mhux governattivi ddelegati minn daww l-awtoritajiet kompetenti. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE hija ta' 60 %. Madankollu, din tista' tiżdied sa 80 % jekk proposta tilħaq il-kriterji għal utilità eċċezzjonali. Fl-2014, żewġ azzjonijiet konġunti biss ikkwalfikaw għal utilità eċċezzjonali.

Il-proċedura għall-azzjonijiet konġunti skont it-Tielet Programm tas-Saħħa nbidlet. Sabiex jiżguraw iktar trasparenza u inklużività, issa l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti fit-Tielet Programm tas-Saħħa jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi l-oħra bħala l-ewwel pass. Imbagħad, daww li jkunu ġew nominati jkunu mistiedna jibagħtu proposta għal għotja diretta.

Ġew kofinanzjati tmien azzjonijiet konġunti għal total ta' EUR 18 506 972.39. Dawn tqassmu fost l-oġettivi tal-programm kif ġej:

1. il-promozzjoni tas-saħħa: EUR 5 698 457.39 (tliet azzjonijiet konġunti);
2. it-theddid għas-saħħa: EUR 3 499 873.00 (azzjoni kongunta waħda);
3. is-sistemi tas-saħħa: EUR 2 599 999.00 (żewġ azzjonijiet kongunti);
4. kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura: EUR 6 708 643.00 (żewġ azzjonijiet konġunti).

Kull waħda minn dawn l-azzjonijiet konġunti involviet bejn 10 u 24 Stat Membru u pajjiżi oħra li qed jieħdu sehem fil-programm; bħala medja kienu involuti 19 għal kull azzjoni konġunta.

Is-sugġetti dwar is-saħħa koperti mill-azzjonijiet kongunti huma:

- drawwiet ta' dieta żbilanċjata u nuqqas ta' attività fiżika;
- titjib tal-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV u tal-koinfezzjoni fregġuni prijoritarji u gruppi prijoritarji fl-Unjoni Ewropea;
- azzjoni kkoordinata biex tittejjeb is-sitwazzjoni u l-karriera tal-persuni bid-demenzja;
- patoġeni emerġenti u perikolużi ħafna;
- kooperazzjoni teknika u xjentifika dwar l-apparat mediku u l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro*;
- appoġġ għan-Netwerk tas-Saħħa elettronika;
- implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Mard Rari<sup>15</sup>; kif ukoll
- monitoraġġ u kontroll fil-qasam tat-trasfużjoni tad-demem u tat-trapjant tat-tessuti u taċ-ċelloli.

Fl-anness hemm lista tal-azzjonijiet konġunti kollha ffinanzjati.

## **1.6 Il-ftehimiet tal-għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali**

Il-ftehimiet tal-għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ngħataw lil organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika. L-għotjiet diretti jinkludu wkoll il-ftehimiet fil-livell tas-servizzi. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE hija ta' 60 %.

B'kollox, ġew iffirmati seba' ftehimiet ta' għotja diretta, għal total ta' EUR 3 849 825.96 kif ġej:

Erba' ġew iffirmati mis-Chafea, jiġifieri:

---

<sup>15</sup> [http://ec.europa.eu/health/ph\\_threats/non\\_com/docs/rare\\_com\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/health/ph_threats/non_com/docs/rare_com_mt.pdf)

- 1) il-ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa għall-integrazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar sustanzi ta' oriġini umana (EUR 500 000);
- 2) il-ftehim ta' għotja diretta annwali mal- Farmakopea Ewropea (EUR 1 100 000);
- 3) żewġ ftehimiet ta' għotja diretta mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa:
  - il-monitoraġġ tal-politiki nazzjonali relatati man-nutrizzjoni, in-nuqqas ta' attività fiżika, il-piż żejjed u l-obeżità (EUR 600 000); kif ukoll
  - il-monitoraġġ tal-politiki nazzjonali relatati mal-konsum tal-alkoħol u t-tnaqqis tal-ħsara (EUR 500 000).

Tlieta ġew iffirmati mid-DĠ SANTE, jiġifieri:

- 1) żewġ għotjiet diretti (sottodelegazzjoni trasversali/ftehim fil-livell tas-servizzi) lill-Eurostat rigward l-istatistika dwar il-morbidità għal total ta' EUR 1 099 825.96; kif ukoll
- 2) għotja diretta waħda lill-Iskema ta' Kooperazzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika għat-taħriġ fil-qasam tal-ingredjenti farmaċewtiċi attivi ta' EUR 50 000.

Fl-anness hemm lista tal-ftehimiet tal-għotjiet diretti kollha ffinanzjati.

## 1.7 Akkwisti (kuntratti ta' servizz)

L-akkwist (kuntratti ta' servizz) intuża għax-xiri ta' servizzi. Il-Programm ikopri bis-sħiħ l-ispejjeż tal-akkwist.

Dawn il-kuntratti ta' servizz ikopru l-ħtiġijiet kif speċifikat fil-pjan ta' ħidma għall-2014:

- l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet u tal-politiki,
- l-istudji;
- il-pariri;
- id-dejta u l-informazzjoni dwar is-saħħa;
- l-assistenza xjentifika u teknika;
- il-komunikazzjoni;
- id-disseminazzjoni;
- l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni; kif ukoll
- l-applikazzjonijiet tal-IT biex jappoġġaw il-politiki.

Fl-2014, id-DĠ SANTE ffirmat diversi kuntratti ta' servizz u talbiet speċifiċi bl-użu ta' kuntratti qafas eżistenti. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kuntratti u talbiet kienu għal azzjonijiet orizzontali bħall-komunikazzjoni u s-servizzi tal-IT għall-manutenzjoni u l-funzjonament tal-għodod eżistenti tal-IT (jiġifieri il-bażi tad-dejta tal-EMP, EUDAMED, il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa, eċċ.). Il-kuntratti ta' akkwist kienu jinkludu wkoll kuntratti ma' esperti li jaħdmu għall-kumitati xjentifiċi u l-istudji dwar l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ. Il-baġit globali tal-akkwist pubbliku mmaniġġat mid-DĠ SANTE kien jammonta għal EUR 7 486 213.88.

Fl-2014, is-Chafea mmaniġġat 22 proċedura ġdida fis-suq għall-akkwist ta' servizzi (erba' kuntratti għall-promozzjoni tas-saħħa, erba' kuntratti għat-theddid għas-saħħa, sitt kuntratti

għas-sistemi tas-saħħa, u ħamsa għall-kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura) u tlieta fil-komunikazzjoni orizzontali għal total ta' EUR 5 283 078.56.

L-ammonti għal kull objettiv u l-organizzazzjoni tal-awtorizzazzjoni kienu kif ġej:

Objettiv tal-Programm tas-Saħħa	Akkwist immaniġġat mid-DĠ SANTE (EUR)	Akkwist immaniġġat mis-Chafea (EUR)
Promozzjoni tas-saħħa	1 353 200.72	1 280 967.00
Theddid għas-saħħa	0	1 802 209.40
Sistemi tas-saħħa	1 327 335.79	864 927.50
Kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura	733 684.35	1 213 163.00
Orizzontali	4 071 993.02	121 811.66
TOTAL	8 260 006.92	5 283 078.56

Kull kuntratt ta' servizz iffirmat jinsab elenkat fl-Anness.

### 1.8 Azzjonijiet oħra

Fl-2014, ġie allokati ammont ta' EUR 2 184 000 għal azzjonijiet oħra. L-“azzjonijiet oħra” jinkludu t-tariffi tal-esperti, pereżempju:

- il-bord ta' esperti dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa;
- għall-esperti li jwettqu spezzjoni tas-sistema dwar l-ingredjenti farmaċewtiċi;
- għall-esperti li jkunu qed jieħdu sehem f'konferenzi internazzjonali dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi għar-reġistrazzjoni ta' farmaċewtiċi biex jintużaw mill-bniedem u għal użi veterinarji.


Dan jinkludi wkoll l-ispejjeż tal-ftehimiet amministrattivi ma' Ċentri Konġunti ta' Riċerka u jkopri t-tariffa tas-sħubija tal-Kummissjoni fl-Osservatorju Ewropew għas-Sistemi u għall-Politiki tas-Saħħa. Għal aktar informazzjoni dwar liema azzjonijiet speċifiċi jaqgħu taħt “azzjonijiet oħra” jekk jogħġbok ara l-anness.

### 1.9 Konsum tal-baġit fl-2014

Kollox ma' kollox, il-baġit operazzjonali totali għall-2014 tqassam bejn erba' objettivi speċifiċi tat-Tielet Programm tas-Saħħa kif ġej:

1. il-promozzjoni tas-saħħa: EUR 16 113 811.99 (30.6 % tal-baġit operazzjonali fl-2014);
2. it-theddid għas-saħħa: EUR 5 302 082.40 (10.1 % tal-baġit operazzjonali fl-2014);
3. is-sistemi tas-saħħa: EUR 16 537 850.33 (31.4 % tal-baġit operazzjonali fl-2014);
4. kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura: EUR 10 653 702.35 (20.2 % tal-baġit operazzjonali fl-2014);
5. attivitajiet orizzontali (IT, komunikazzjoni): EUR 4 193 804.68 (7.8 % tal-baġit operazzjonali fl-2014).

**Ċart 1 — Użu tal-baġit operazzjonali fl-2014 skont l-oġġettivi tat-Tielet Programm tas-Saħħa**




### 1.10 It-tip ta' benefiċjarji

Fl-2014, ġew iffirmati madwar 400<sup>16</sup> għotja u kuntratt differenti ma' diversi benefiċjarji u fornituri ta' servizzi li jvarjaw minn organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi għal istituzzjonijiet akkademiċi u kumpaniji privati. Il-kategorija "oħrajn" tinkludi benefiċjarji bħall-fornituri tal-kura tas-saħħa u organizzazzjonijiet internazzjonali. Iċ-ċart 2 tagħti ħarsa ġenerali lejn id-diversi gruppi ta' benefiċjarji.

**Ċart 2 — tipi ta' benefiċjarji tat-Tielet Programm tas-Saħħa fl-2014**

<sup>16</sup> Din teskludi kuntratti li jsiru ma' esperti uniċi pereżempju daww li qed jipparteċipaw f'Kumitati Xjentifiċi.





## KONKLUŻJONI

L-2014 kienet l-ewwel sena tat-Tielet Programm tas-Saħħa, li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-11ta' Marzu 2014. B'konsegwenza ta' dan, il-programm ta' ħidma annwali ġie adottat xahrejn wara fis-26 ta' Mejju 2014 u b'hekk iċ-ċiklu sħiħ tal-implimentazzjoni kien imdewwem. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-ftehimiet ta' għotja u diversi kuntratti ta' servizz kienu ffirmati fl-ewwel trimestru tal-2015. Ir-Regolament tat-Tielet Programm tas-Saħħa jagħmel xi titjib sinifikanti meta mqabbel mat-Tieni Programm tas-Saħħa. Dawn jinkludu:

- objettivi speċifiċi b'indikaturi relatati;
- definizzjoni ċara ta' "valur miżjud tal-UE"; kif ukoll
- introduzzjoni ta' kriterji li jiddefinixxu "utilità eċċezzjonali" għal azzjonijiet konġunti.

Dan fisser li, pereżempju, l-applikanti u l-evalwaturi kienu ggwidati aħjar bid-definizzjoni tal-kunċett ta' "valur miżjud tal-UE" u kien eħfef li l-konsorzji tal-azzjoni konġunta jiżviluppaw il-proposta b'tali mod li tkun tikkwalifika għall-utilità eċċezzjonali, jiġifieri rata ta' kofinanzjament ta' 80 %.

Kien hemm ukoll bosta bidliet pożittivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa. Dawn kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' sottomissjonijiet online permezz tal-Portal tal-Parteċipanti; u evalwazzjoni online u l-firma elettronika ta' ftehimiet tal-għotja. Ir-Regolament introduċa wkoll proċeduri amministrattivi semplifikati u ftehimiet ta' għotja diretta għall-azzjonijiet konġunti u ftehimiet għal qafas ta' sħubijia għad-detenturi tal-għotjiet li joperaw biex min jirċevihom ikun jista' jwettaq ippjanar fuq perjodi itwal.

Il-proċedura l-ġdida għall-azzjonijiet konġunti hi wkoll aktar trasparenti għax bħala l-ewwel pass jenħtieġ li l-konsorzju jiġi stabbilit permezz ta' nomini mill-Istati Membri/pajjiżi

parteċipanti fit-Tielet Programm tas-Saħħa. Madankollu, dan ifisser li l-organizzazzjonijiet umbrella mhux governattivi tal-UE b'mod partikolari, jaffaċċjaw l-isfida li jiġu nominati, filwaqt li matul it-Tieni Programm tas-Saħħa kienu nnominati mill-Kummissjoni.

L-għadd ta' parteċipanti fl-azzjonijiet konġunti jibqa' relattivament għoli, bħalma kien diġà fit-Tieni Programm tas-Saħħa: medja ta' 25 parteċipant għal kull azzjoni konġunta fl-2014 — li jvarja minn 12 sa 39. Din hija sfida għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet konġunti. Meta meta wieħed iħares lejn is-sejħiet għall-proposti għall-proġetti, jidher li għal żewġ sejħiet ma ngħata l-ebda proġett. F'każ minnhom dan ġara għax ma waslet l-ebda applikazzjoni, aktarx għax it-tema kienet definita b'mod kemxejn dejjaq u l-kofinanzjament propost kien relattivament baxx. Fil-każ l-ieħor waslu diversi proposti, iżda lkoll ġew esklużi mill-evalwazzjoni minħabba nuqqas ta' kwalità.

Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni *ex post*, għandu jiġi implimentat aktar titjib fis-snin li ġejjin, fosthom sistema elettronika mtejbja ta' monitoraġġ u rappurtar, disseminazzjoni aħjar u aktar immirata u sforzi kontinwi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet u tal-istituzzjonijiet minn dawk il-pajjiżi li sa issa ma kinux rappreżentati biżżejjed fost il-benefiċjarji.